MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 60/2013

Appell Numru: 52/2013, 58/2013, 60/2013

Il-Pulizija

[Spettur Raymond Cassar]

Vs

Diego Grixti

Clayton Borg

Luaie Borg

Illum, 15 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti: Diego Grixti, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 590685M, Clayton Borg, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 154787M u Luaie Borg, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 162388M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Akkuzati talli

1. Fil-lejl ta' bejn il-21 u 22 ta' Lulju 2009 ghall-habta ta' nofs il-lejl, gewwa Triq l-Isptar Belt Valletta, ikkomettew serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Josephine Grixti, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, bil-valur li huwa aktar minn elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, u bil-lok;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Josephine Grixti kontra l-volonta' taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha jew mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Grixti hekk kif gie ccertifikat minn Dr M. C. Bartolo MD

4. U aktar talli saru recidivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 ta' Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Lil Luaie Borg wahdu

5. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu b' sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Anthony J Vella LL.D nhar it-12 ta' Ottubru 2006 fejn gie kkundannat disa' xhur prigunerija sospizi ghal tliet snin.

Lil Diego Grixti wahdu

6. U aktar talli kiser provedimenti ta' artikolu 22 ta' Kapitolu 446 ta' Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta datata nhar it-3 ta' Frar 2009 fejn gie moghti l-liberta' bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin minn dak il-jum liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti:

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 221, 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ssibb lill-imputat **Diego Grixti** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettin xahar (30) prigunerija; in oltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 qed taghzel li ma titrattax mieghu ghar-reati li taghhom instab hati fit-3 ta' Frar 2009.

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba imputazzjoni elenkata fic-citazzjoni kontra l-imputat **Clayton Borg**, wara li rat l-artikoli 86, 87(1)(c)(e), 221, 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibb lill-istess imputat Clayton Borg hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija

Wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 221, 261, 262(1)a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 269(g), 270, 274(c), 275, 277(a)(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibb lill-imputat **Luaie Borg** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitta u ghoxrin (26) xahar prigunerija; in oltre, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 qed taghzel li ddahhal fis-sehh is-sentenza ta' disgha (9) xhur prigunerija mghotija fil-konfront ta'l-istess imputat Luaie Borg fit-12 ta' Dicembru 2006.

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kull wiehed mill-imputati qed jigi ikkundannt ihallas lir-registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' disghin Euro u ghoxrin centezmu (€90.20) rapprezentanti spejjez in konessjoni mal-hatra ta'l-esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant Luaie Borg minnu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, jew fin-nuqqas tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Clayton Borg minnu pprezentat fil-11 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhux hati tar-raba` akkuza, filwaqt tilliberah l-ewwel tlett akkuzi, fin-nuqqas taghti sentenza aktar gusta u ekwa.

Rat ir-rikors tal-appellant Diego Grixti minnu pprezentat fit-12 ta' Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, jew fin-nuqqas tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Luaie Borg w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi mressqa.

Illi jinghad li l-unika prova imressqa fil-konfront tal-imputat kienet it-testimonjanza ta' Josephine Grixti.

Illi pero` mill-ewwel jinghad li x-xhieda ta' din il-persuna mhix kredibbli u hija unsafe, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi din ix-xhud spjegat kif kienet giet misruqa minn tliet min-nies. Spjegat pero` illi l-imputat u l-akkuzati l-ohra kellhom wicchom mghotti. Hija tghid li setghet taghrafhom ghaliex it-tights kienu trasparenti, u ghaliex il-maskra kellha toqba.

Illi pero ghandu jinghad li allegatarnent l-appellant odjern kien liebes maskra tal-hockey u kulhadd jaf li huwa impossibli li wiehed jgharaf persuna ii jkollha wiccha mghotti b'dan il-mod.

Illi ghandu jinghad li Josephine Grixti xiehdet darbtejn u specjalment fit-tieni deposizzjoni tefghet dubji serji dwar kemm ta' bilhaqq din kienet attwalment gharfet lill-imputati.
Illi dan kollu naturalment in pessima ipotezi jitfa' dubbji serji fuq il-kredibilita o meno, liema dubji ghandhom imorru a favur tal-imputat.

Illi in oltre mill-assjem tal-provi jirnizulta kjarament li Josephine Grixti minnha innifisha qatt ma tista` tigi ikkonsidrata bhala xhud affidabbli u dan minhabba l-karattru mhux biss rafrettarju, imma wkoll notorju taghha.

Illi f'dan ir-rgward l-appellant jaghmel ampja referenza ghall-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Brian Fenech, deciza 26 ta' Novembru 2009, per Imhallef Joseph Galea Debono. Hawn il-Qorti kienet illiberat lil Brian Fenech minhabba l-inaffidibilita tax-xhud pnncipali, li f'dan il-kaz huwa xhud ewlieni, liema cirkostanzi huma vicin hafna ta' dawk fil-kaz odjern.

Illi in oltre tant mhix affidabbli din Josephine Grixti, li alla jbierek, lanqas kienet kapaci tghid kemm kellha flus fil-pussess taghha dakinhar tal-incident.

Illi in oltre meta ippressata biex tiggustifika ghaliex kellha daqstant flus kontanti fuqha. Din qalet li kienet ghadha kif bieghhet karozza, u li hi ggorr il-flus fuqha meta tmur tahdem, ghaliex tibza thallihom id-dar.

Illi jirrizulta molto di piu li xoghol din il-persuna mhuwa xejn hlief xoghol fil-prostituzzjoni.

Illi ghalhekk huwa dubbjuz tiehu dawk il-flus kontanti kollha f'dan il-generu ta' xoghol meta kulhadd jaf bir-riskji li jirrinfaccjaw dawn in-flies fuq bazi regolari.

Illi in oltre lanqas biss kienet kapaci taghti provi jew dettaiji ta' xi bejgh ta' vettura.

Illi imbad l-Ewwel Qorti strahet mhux ftit fuq xhieda li hija qieset xhieda korraboratorja, cioe id-deposizzjonijiet ta' Casey u Cymber Grixti, it-tnejn ulied Josephine Grixti.

Illi qabel xejn jinghad li dawn iz-zewg xhieda kellhom interess dirett f'l-ezitu ta' dawn il-proceduri peress li l-allegata vittma in effetti kienet ommhom stess u in oltre mhumiex xi nies affidabbli minhabba l-fatt li huma stess ghandhom proceduri kriminali kontra taghhom fuq reati serji.

Illi lanqas ma jista' jitwemmen li x-xhud Josephine Grixti kellha toqghod tibghat ghal Cymber sabiex tghoddilha l-flus ghaliex alla jbierek hi ma tafx tghodd.

Illi umbad hemm il-kwistjoni tax-xhieda tar-rapprezentatni tal-GO u tal-Vodafone u tal-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada, dwar il-kwistjoni tal-localization tal-imputat.

Irrizulta illi Luaie Borg kien gewwa Il-Belt Valletta, illi pero` bid-dovut rispett ghandu jinghad li din m'hija prova xejn, ghaliex l-istess Luaie Borg joqghod biss kantuniera boghod minn fejn sehh l-istess incident.

Illi in oltre l-esponent ihoss li l-piena kienet wahda eccessiva, tenendo kont ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u li huwa jinsab pjenament re-integrat fis-socjeta` tant illi huwa ghandu impjieg fiss jistennieh.

Rat l-aggravji tal-appellant Clayton Borg:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Mill-provi prodotti certament ma jirrizultax li l-appellant kkawza griehi ta' natura hafifa lii Josephine Grixti. Fix-xhieda taghha tal-10 ta' Awissu 2009, jirrizulta li Diego Grixti kien ta daqqa ta' ponn u mhux l-appellant. L-anqas ma jirrizulta li l-appellant kien jaf jew kien ippjanat li Diego Grixti kien se jaghti daqqa ta' ponn. B'hekk certarnent l-anqas kien komplici.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, b'mod oggettiv ix-xhieda ta' Josephine Grixti mhix kredibbli.

L-Ewwel Qorti qalet li emmnet l-ewwel xhieda tal-parte civile u mhux meta xehdet fis-16 ta' Jannar 2012, fejn qalet li kellha dubbju fuq l-identita ta' l-appellant. Ir-raguni li qalet dak li qalet fuq l-appellant u l-ko-akkuzati ohra kienet li "hbiebi mlewni", jigifieri li l-ewwel xhieda taghha kien sforz ta' influwenza ta' terzi persuni. Ovvjament il-parte civile kien irrabjata u offiza ta' dak li ghaddiet minnu specjalment jekk il-persuni kienet tafhom tajjeb. Izda jidher b'mod car li terzi persuni influwenzaw ix-xhieda taghha. Tghid bil-gurament "issa ghandi dubju", anzi tkompli tghid li identifikatu bhala wiehed mill-aggressuri ghaliex riedet "inpattilu". Fil-fatt l-appellant u
parte civile kellhom relazzjoni, izda kienet ghadha kemm spiccat.

Josephine Grixti tghid ukoll bil-gurament li ma trid xejn minghanclhom. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-piena mhix ekwa u gusta a tenut tal-fatti u cirkostanzi koliha. L-appellant illum jahdem u ghandu xoghol fiss u haga li ilu jistenna u jahdem ghaiiha.

Rat l-aggravji tal-appellant Diego Grixti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi mressqa.

Illi jinghad li l-unika prova imressqa fil-konfront tal-imputat kienet it-testimonjanza ta' Josephine Grixti.

Illi pero` mill-ewwel jinghad li x-xhieda ta' din il-persuna mhix kredibbli u hija unsafe, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

Illi din ix-xhud spjegat kif kienet giet misruqa minn tliet min-nies. Spjegat pero` illi l-imputat u l-akkuzati l-ohra kellhom wicchom mghotti. Hija tghid li setghet taghrafhom ghaliex it-tights kienu trasparenti, u ghaliex il-maskra kellha toqba.

Illi pero ghandu jinghad li allegatarnent l-appellant odjern kien liebes maskra tal-hockey u kulhadd jaf li huwa impossibli li wiehed jgharaf persuna ii jkollha wiccha mghotti b'dan il-mod.

Illi ghandu jinghad li Josephine Grixti xiehdet darbtejn u specjalment fit-tieni deposizzjoni tefghet dubji serji dwar kemm ta' bilhaqq din kienet attwalment gharfet lill-imputati.
Illi dan kollu naturalment in pessima ipotezi jitfa' dubbji serji fuq il-kredibilita o meno, liema dubji ghandhom imorru a favur tal-imputat.

Illi in oltre mill-assjem tal-provi jirnizulta kjarament li Josephine Grixti minnha innifisha qatt ma tista` tigi ikkonsidrata bhala xhud affidabbli u dan minhabba l-karattru mhux biss rafrettarju, imma wkoll notorju taghha.

Illi f'dan ir-rgward l-appellant jaghmel ampja referenza ghall-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs. Brian Fenech, deciza 26 ta' Novembru 2009, per Imhallef Joseph Galea Debono. Hawn il-Qorti kienet illiberat lil Brian Fenech minhabba l-inaffidibilita tax-xhud pnncipali, li f'dan il-kaz huwa xhud ewlieni, liema cirkostanzi huma vicin hafna ta' dawk fil-kaz odjern.

Illi in oltre tant mhix affidabbli din Josephine Grixti, li alla jbierek, lanqas kienet kapaci tghid kemm kellha flus fil-pussess taghha dakinhar tal-incident.

Illi in oltre meta ippressata biex tiggustifika ghaliex kellha daqstant flus kontanti fuqha. Din qalet li kienet ghadha kif bieghhet karozza, u li hi ggorr il-flus fuqha meta tmur tahdem, ghaliex tibza thallihom id-dar.

Illi jirrizulta molto di piu li xoghol din il-persuna mhuwa xejn hlief xoghol fil-prostituzzjoni.

Illi ghalhekk huwa dubbjuz tiehu dawk il-flus kontanti kollha f'dan il-generu ta' xoghol meta kulhadd jaf bir-riskji li jirrinfaccjaw dawn in-flies fuq bazi regolari.

Illi in oltre lanqas biss kienet kapaci taghti provi jew dettaiji ta' xi bejgh ta' vettura.

Illi imbad l-Ewwel Qorti strahet mhux ftit fuq xhieda li hija qieset xhieda korraboratorja, cioe id-deposizzjonijiet ta' Casey u Cymber Grixti, it-tnejn ulied Josephine Grixti.

Illi qabel xejn jinghad li dawn iz-zewg xhieda kellhom interess dirett f'l-ezitu ta' dawn il-proceduri peress li l-allegata vittma in effetti kienet ommhom stess u in oltre mhumiex xi nies affidabbli minhabba l-fatt li huma stess ghandhom proceduri kriminali kontra taghhom fuq reati serji.

Illi lanqas ma jista' jitwemmen li x-xhud Josephine Grixti kellha toqghod tibghat ghal Cymber sabiex tghoddilha l-flus ghaliex alla jbierek hi ma tafx tghodd.

Illi umbad hemm il-kwistjoni tax-xhieda tar-rapprezentatni tal-GO u tal-Vodafone u tal-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada, dwar il-kwistjoni tal-localization tal-imputat.

Irrizulta illi Luaie Borg kien gewwa Il-Belt Valletta, illi pero` bid-dovut rispett ghandu jinghad li din m'hija prova xejn, ghaliex l-istess Diego Grixti joqghod biss kantuniera boghod minn fejn sehh l-istess incident.

Illi in oltre l-esponent ihoss li l-piena kienet wahda eccessiva, tenendo kont ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, u li huwa jinsab pjenament re-integrat fis-socjeta` tant illi huwa ghandu impjieg fiss jistennieh.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-lejl ta' bejn il-wiehed u ghoxrin (21) u t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tal-elfejn u disgha (2009) Josephine Grixti kienet qed tirritorna lura fid-dar taghha fi Triq l-Isptar, il-Belt. Xhin waslet vicin id-dar cemplet lil bintha Cascy illi kienet mal-hbieb taghha biex tghidilha tigi d-dar. Kif Grixti dahlet fil-komun u bdiet tiela' t-tarag giet aggredita minn tlett (3) persuni, li wiehed minnhom taha daqqa ta' ponn f'wiccha, l-iehor qabadha minn ghonqha u pogga idejh ma' halqha biex ma tkunx tista' tghajjat u l-iehor minn quddiemha dahhal idejh f'hobbha u ha l-flus li hija kellha hemmhekk. Wara dan tlequ jigru. Minkejja li l-aggrassuri kienu mghammda Grixti gharfithom u dan ghaliex it-tights illi kienu lebsin kienu trasparenti u l-maskra illi kien liebes Luaie Borg kellha t-toqob. Diego Grixti kien jigi minnha. Hija z-zija tar-rispett tieghu. Clayton Borg kien ghamel xi tlett snin u nofs f'relazzjoni maghha filwaqt illi Luaie Borg huwa l-kugin ta' Clayton. Grixti ftakret x'kienu lebsin it-tlett appellanti u sahansitra gharfet it-top illi kien liebes Clayton bhala t-top illi kienet xtratlu hi stess. Grixti ma setghetx tghid kemm kellha flus fuqha però bintha Cymbr ghaddiet dawn il-flus aktar kmieni dakinhar tal-incident u xehedet illi kellha sitt elef u sitt mitt ewro (€6,600). Grixti tghid illi kienet izzomm il-flus fuq il-persuna taghha ghaliex kienet tibza' thallihom id-dar. F'dan l-incident

Grixti sofriet griehi ta' natura hafifa kif jirrizulta mid-depozizzjoni taghha u mic-certifikat esebit.

Bint Josephine Grixti xhedet illi dik il-lejla hija kienet mal-hbieb taghha u li kienet cemplitilha ommha biex tigi d-dar. Ftit qabel ghaddew minn quddiemha Clayton Borg u Luaie Borg. Go karozza maghhom kien hemm persuna ohra illi kien liebes flokk abjad bir-rigi. Meta waslet fil-kantuniera hdejn id-dar fejn toqghod ommha rat lill-appellanti jigru 'l fuq. Luaie Borg kellu maskra sewda bit-toqob f'ghajnejh, Clayton Borg kellu xi haga zghira f'idu, filwaqt illi Diego Grixti kien liebes tights f'rasu. Kaycie qalet illi setghet taghraf lill-appellanti ghax kienet rathom ftit qabel meta kienu qeghdin fil-karozza fuq is-sur u innutat x'kienu lebsin però fuq kollox gharfithom ghax kienet tafhom.

It-tlett imputati xhedu u taw verzjoni illi taqbel bejniethom. Innegaw dak kollu illi gie allegat fil-konfront taghhom minn Grixti ghad illi ma nnegawx illi ftit tal-hin qabel kienu l-Belt. Irrizulta ukoll mid-depozizzjonijiet maghmla mir-rapprezentanti tal-Go u l-Vodafone, kif ukoll mill-espert nominat minn din il-Qorti Dottor Martin Bajada li fil-hin li Josephine Grixti qalet li giet aggredita mit-tlett imputati, l-mobile phone ta' Luaie Borg u Clayton Borg kienu qeghdin il-Belt. Ghandu jigi osservat illi Josephine Grixti xhedet darbtejn u t-tieni darba ippruvat tirtira xi allegazzjonijiet illi kienet ghamlet fl-ewwel depozizzjoni taghha b'mod partikolari ippruvat titfa' dubbju dwar il-fatt illi kienet gharfet lit-tlett appellanti. Però b'sentenza moghtija fl-erbgha (4) ta' Frar tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 366) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellanti hatjin ta' dawn l-akkuzi u Diego Grixti gie ikkundannat tletin (30) xahar habs effettiv, Clayton Borg sentejn habs effettiv, Luaie Borg sittax u ghoxrin (26) habs effettiv flimkien ma' disa' xhur ohra ta' sentenza sospiza li kienet inghatat fil-konfront tieghu fit-tnax (12) ta' Dicembru tal-elfejn u sitta (2006).

L-imputati hassuhom aggravati minn din is-sentenza u minnha interponew appell peress illi deherilhom illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet "unsafe and unsatisfactory" aktar u aktar meta kien hemm konflitt fil-provi bejn l-ewwel depozizzjoni ta' Josephine Grixti u t-tieni depozizzjoni taghha u l-ewwel Qorti m'ghamlitx evalwazzjoni korretta tal-provi illi kellha quddiemha li dawn kollha kellhom iwasslu ghal-liberazzjoni tal-appellanti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti fliet l-atti ta' dan il-process u tasal ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni profonda u korretta tal-provi li kellha quddiemha. Veru illi kellha zewg verzjonijiet moghtija minn Josephine Grixti. Però ghazlet illi tiehu in konsiderazzjoni bhala l-aktar veritiera l-ewwel verzjoni moghtija u tat ir-ragunijiet il ghala kella toqghod fuq dik il-verzjoni u mhux it-tieni wahda. Id-Difiza però insistiet illi dawn iz-zewg verzjonijiet iwasslu ghall-konflitt fil-provi li kellu jwassal ghal dubbju ragjonevoli li kellu jmur a beneficcu tal-appellanti. Din il-Qorti però tirrileva illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija versus Joseph Thorn", (Appell Kriminali 7 ta' Lulju 2003) "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex se temmen jew ma temminx." Dan huwa proprju dak li ghamlet l-ewwel Qorti, fejn hadet qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hijiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Wara li ghamlet dan kollu l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi "hija konvinta li t-tieni depozizzjoni influenzata u determinata mill-fatt li apparentement kienet giet ristabbilita r-relazzjoni mal-imputati u Grixti kienet hafritihom." Ghalhekk ukoll ikkonkludiet, "illi tenut kont ta' l-assejm tal-provi, inkluz id-depozizzjoni ta' Casey Grixti u l-informazzjoni dwar telefonati u localisation tal-mobile phones, il-Qorti hija konvinta li l-fatti graw kif rakkontati minn Grixti u li t-tlett persuni li aggredewha biex serqulha l-flus kienu t-tlett imputati." Kif qalet il-kawza "Il-Pulizija versus Brian Caruana", (Appell Kriminali, 23 ta' Mejju 2002) "kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli."

Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti peress li din il-konkluzjoni kienet perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika, il-buon sens, u bazata fuq il-fatti. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-konkluzjoni dwar il-meritu dan mhuwiex se jigi disturbat minn din il-Qorti.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena fil-kors ta' dan l-appell permezz ta' digriet tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 427) il-Qorti ordnat li jsir social enquiry report fil-konfront tat-tlett appellanti. Dawn saru u gew pprezentati u mahlufa fl-ghaxra (10) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014). Ir-relazzjoni fil-konfront ta' Clayton Borg kienet wahda pozittiva fejn il-probation officer qalet illi l-appellant Clayton Borg qatt ma kien involut mal-Qorti fil-passat, qieghed f'relazzjoni stabbli u ghandu tarbija ta' ghaxar (10) xhur u qed jiehu r-responsabiltajiet tieghu ta' missier bis-serjetà. Qatt ma kien f'kuntatt ma' agenziji lokali kontra l-abbuz tad-droga.

Fil-konfront ta' Diego Grixti r-rapport mhuwiex daqshekk pozittiv. L-istess Grixti jammetti illi jaghmel uzu mid-droga qabel jorqod ghax inkella jsir aggressiv. Minkejja dan ma jhossux li huwa dipendenti mid-droga u ghalhekk ma fittixx ghajnuna. Fil-hamsa (5) ta' Marzu tal-elfejn u erbatax (2014) irrizulta pozittiv ghall-kannabis u kokaina u fl-erbgha (4) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) irrizulta pozittiv ghall-kannabis. Ilu minn mindu kellu sbatax-il sena jikser difru mal-ligi u nghata numru ta' opportunijiet sabiex jirriforma sabiex jirriforma ruhu. Però "ma gharafx jaghmel uzu tajjeb mill-opportunitajiet li nghata mill-Qorti sabiex jirriabilita ruhu." (Ara rapport tal-probation officer Odelise Bayliss). L-appellant Diego Grixti jghid illi qieghed f'relazzjoni stabbli u t-tfajla tieghu ghandha erba' (4) xhur tqala.

Rigward Luaie Borg kontrarjament ghall-istampa li pruvat turi d-Difiza bhala persuna riabilitata irrizulta proprju l-oppost. Skont ir-rapport tal-probation officer fis-sebgha (7) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) l-appellant Luaie Borg irrizulta pozittiv ghall-kannabis. Inghata diversi opportunitajiet sabiex jirrifoma ruhu mill-Qorti "Il-fatt li l-appellant rega' wettaq reati ohra juri li huwa m'gharafx jaghmel uzu tajjeb mill-opportunitajiet illi nghata mill-Qorti sabiex jirriabilita ruhu." Wahda minn dawn l-opportunitajiet kienet ordni ta' supervizjoni. Però hawn ukoll l-appellant ma ikkoperax sabiex wassal lill-probation officer tghid "irrizulta li l-andament tal-appellant matul din l-ordni ma kienx wiehed tajjeb, minhabba l-attitudni negattiva tieghu." Ovvjament b'dawn it-tipi ta' rizultanzi l-Qorti mhiex disposta tkun favorevoli lejn l-appellant Luaie Borg u Diego Grixti ghad illi forsi ghad hemm tama illi Clayton Borg jirrealizza l-izbalji illi ghamel u f'din il-hajja fhiex ser twasslu peress illi jidher illi din hija l-ewwel darba illi kiser difru mal-ligi u ghalhekk huwa gust illi din il-Qorti timmodifika l-ordni ta' sentejn prigunerija illi l-ewwel Qorti ghamlet fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appelli ta' Luaie Borg u Diogo Grixti u tikkonferma s-sentenza fil-konfront taghhom. Fil-kaz ta' Clayton Borg tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tar-reati migjuba fil-konfront tieghu u tikkonfermaha ukoll fl-ghoti ta' sentejn prigunerija, izda tirriforma din il-prigunerija fis-sens illi wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, tordna illi dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------